MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 599/2008

**Carmel Cuschieri (ID-661556M) ezercenti l-professjoni ta' Ingenjier taht l-isem 'Camilleri & Cuschieri'**

**Vs**

**Carmel Theuma (ID-379963M) ezercenti l-kummerc taht l-isem 'St Martin's Institute & Information Technology' u 'Softsense Training Limited' (C-16855)**

## It- Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Awissu 2008 fejn intalab sabiex il-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' €2,176.94 (elfejn, mija u sitta u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma servizzi professjonali rezi fuq inkariku tal-konvenuti bl-imghax

skond il-ligi dekorribbli mill-5 ta' Lulju 2007 (data tal-fattura).

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra bonarja datata 15 ta' Lulju 2008 bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fid-9 ta' Settembru 2008 fejn ikkontestaw it-talba attrici peress illi affermaw li fl-ewwel lok is-servizzi prestati ma kienux skond is-sengha u l-arti u l-professjoni u fit-tieni lok u fi kwalunkwe kaz l-attur kien gia thallas ghas-saldu. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi prodotti inkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi ma hux qed jigi kontestat li l-konvenuti kienu fil-fatt inkarikaw lill-attur fil-vesti professjonali tieghu bhala enginier ghall-aktar minn okkazzjoni wahda halli jsib tarf il-problema li kienu qed jiffaccjaw konsistenti fi qtugh tad-dawl fl-iskola taghhom. Illi kontra t-talba ghal hlas ta' dawn is-servizzi il-konvenuti qed jissollevaw bazikament zewg eccezzjonijiet, it-tnejn ta' natura li strettament tispetta lilhom l-oneru tal-prova u cio` e` li s-servizz prestat ma kienx ta' livell professjonali u mhux skond is-sengha u l-arti u kif ukoll se mai, l-attur kien gia thallas ghas-saldu tas-servizzi minnu esekwiti.

L-attur xehed li huwa jaghmel xoghol ta' konsulenza fuq enginerija. L-ewwel darba li gie mghajjat mill-iskola biex jara x'kienet il-problema li kellhom fuq kwistjoni ta' elettriku kienet fis-sena 2006. Wara li acceda fuq il-post huwa kkonstata x'kienet il-kawza tal-problema tal-elettriku u hareg b'numru ta' rakkomandazzjonijiet biex tigi rizolta. Dawn gew espletati minn Lawrence Attard li kien l-electrician proprja tal-konvenuti. Huwa baghat il-kont tieghu ta' dan ix-xoghol u thallas ghas-saldu w l-kaz waqaf hemm.

Fid-19 ta’ Mejju 2007, jispjega li huwa rcieva email (Dok CC1) minghand impjegat tal-konvenut Theuma jismu McGurk fejn dan gibidlu l-attenzjoni ghall-fatt li l-iskola kienet qed terga tiffaccja problemi ohra fl-istallazzjoni tal-elettriku u quindi nkarika lill-attur biex jerga jipprova jsib tarf din il-problema. L-attur rega acceda fuq il-post fejn ghamel il-kostatazzjonijiet tieghu u in segwitu rrilaxxja rapport relattiv datat 5 ta’ Gunju 2007. F’dan ir-rapport huwa kkonkluda li l-kawza tal-problema kienet gejja mis-servizz provdut mill-Enemalta. Kien ghalhekk li huwa kiteb lill-istess Korporazzjoni (Dok CC 2) u lill-Inginier Raymond Farrugia spjegalu skond l-istess attur x’kienet is-sors tal-problema. L-iskola informaw lill-attur tramite email datata 11 ta’ Gunju 2007 (Dok CC3) illi huma kienu ghadhom bil-problemi ghalkemm ghaddiet gimgha minn meta l-enemalta kienu gew informati b’dan. Ghalhekk l-attur baqa jikkomunika ma dan l-Enginier Farrugia fuq il-problema rikurrenti tal-iskola u gew skambjati diversi ittri u noti Dok CC4 et seq). L-attur ikompli jispjega li huwa rega acceda fuq il-post mal-electrician tal-iskola is-sur Attard biex jaccerta ruhu li l-problema ma kinietx wahda nterna minn liema verifiki rega rrizultalu li l-kawza kienet wahda esterna, cio` e` mis-*supply* tal-Enemalta. Ghalhekk l-attur flimkien ma haddiema tal-enemalta bdew iduru l-inhawi biex jipprovaw jiskopru mnejn kienet gejja l-problema tas-supply. Ghal habta ta’ Lulju 2007, l-attur jafferma li kienu identifikaw il-problema u cio` e` li kienet gejja mill-operat ta’ *Tower Crane* li kien installat fil-vicinanzi tal-iskola. Fil-fatt ighid li hekk kif tal-enemalta skonnettjaw il-*crane* il-problemi waqqfu. F’dan l-istadju ghalhekk l-attur irraguna li l-inkariku tieghu kien espletat u quindi bghat l-*invoice* relattiva lill-iskola (Dok CC13) ghas-servizzi minnu rezi f’din it-tieni okkazzjoni li huwa tqabbad mill-iskola. Ikompli jispjega li huwa kienu ilu zmien minn qabel jissuspetta li l-operat tal-*crane* kien il-kagun ta’ kollox peress illi fil-*weekends* meta dan ikun wieqaf, l-iskola ma kienx ikollha problemi. Dan is-suspett gie mbaghad konfermat meta inzerta kien hemm *long weekend*.

B’risposta ghall-email huwa rcieva komunikazzjoni mill-*accounts* tal-iskola sabiex l-*invoice* tigi ndirizzata lis-

socjeta konvenuta u mhux lill-konvenut. Huwa hekk ghamel pero` xorta wahda ma thallasx.

Fl-10 ta' Ottubru 2007 l-attur rcieva email minghand il-konvenut fejn talbu jaghmillu rapport formali fuq dak kollu kostatat sabiex ikun jista jghaddih lis-socjeta assikuratrici tieghu Dok CC14 sa Dok CC16. L-attur iddecieda li jghaddilu dan ir-rapport ghalkemm kien ghadu ma thallasx wara tliet xhur shah li kien lesta. F'dan iz-zmien il-konvenut kien anke kkummenta mieghu li ghalih il-kaz kien maghluq specjalment meta tqis il-fatt li wara l-ewwel maltempata ma kien gara xejn u li s-sistema kienet qed tahdem tajjeb. Dok CC18. Ir-rapport mitlub jinsab datat 15 ta' Ottubru 2007 u markat bhala Dok CC28. In segwitu il-konvenut talbu biex jizdiedu xi dettalji fuq ir-rapport Dok CC29 u 30. Il-konvenut anke bghat ittra Dok CC26 fejn elenkaw sensiela ta' problemi ta' natura elettrika li huma kienu affaccjaw. Illi ghalhekk l-attur spicca biex emenda r-rapport tieghu billi zied id-dettalji hekk kif rikjesti mill-konvenut, liema rapport bl-addizzjoni jinsab ukoll esebit bhala Dok CC31 bhala *attachment* mal-*email* Dok CC27.

Illi wara li ghamel dak kollu li ried minghand il-konvenut, l-attur baqa ma thallasx u sakemm gie biex jiftah il-kawza kien ghadu qatt ma gie nformat x'kienet ir-raguni il-ghala tali hlas baqa ma sarx.

Illi t-Tribunal josserva li l-ewwel rejazzjoni tal-iskola ghall-*invoic*e tal-attur a fol 40 tal-process kienet sabiex din tigi ndirizzata lis-socjeta konvenuta Dok CC13 a fol 39 u mhux li kien hemm xi ilment dwar is-servizz espletat mill-attur. Difatti Dok CC14 konsistenti f'email mibghuta mill-iskola lill-attur datata addirittura 10 ta' Ottubru 2007 tikkontjeni numru ta' dokumenti addizzjonali rikjesti mill-iskola biex ighadduhom lill-assikuraturi taghhom – jigi hawn notat li rega ma sar ebda ilment fuq xoghol l-attur anzi permezz ta' *email* ohra Dok CC18 a fol 46, l-iskola dehret soddisfatta bl-operat tal-attur. Interssanti wkoll li jigi notat li l-problemi teknici, almenu skond l-attur spiccaw hekk kif l-Enemalta biddu s-supplu 3-phase tal-iskola ghal fuq sub-station iehor.

In kontro-ezami l-attur jafferma li fl-ewwel okkazzjoni l-problema tad-dawl kienet kawzata principalment minn fatturi interni u quindi l-enemalta ftit li xejn kellha x'taqsam. Fit-tieni okkazzjoni l-Enemalta kienet aktar involuta stante li rrizulta li kien qed ikun hemm *fluctuation* qawwija tad-dawl f'certu hinijiet tal-gurnata fost il-gimgha pero` mhux fil-*weekend* u kien minn hawn li hareg is-suspett fuq l-uzu tal-*crane*. Difatti meta s-supply lill-iskola giet mibdula ghal wahda differenti minn tal-crane il-problemi waqqfu hemm.

Raymond Farrugia *engineer* mal-Enemalta jikkonferma li l-attur kien ikkomunika mieghu dwar problemi ta elettriku li kienet qed tiffaccja l-iskola konvenuta. Ikkonferma wkoll il-korrispondenza esebita u skambjata bejnhu u l-attur. Huwa investiga x'kienet il-kawza tal-problema u wara li ghamlu xi xogholijiet fuq il-linji ta barra jafferma li l-problema kienet sorvolota. B'aktar precizjoni, l-quddiem ighid li l-problema kienet qed tigi kawzata mill-operat ta' *crane* fl-inhawi li kien qed jaffettwa s-*supply* ta l-elettriku.

Joseph Attard, l-*electrician* u *plumber* tal-iskola kien tqabbad flimkien ma huh  mill-konvenut fis-sena 2007 biex jaraw x'kienet il-problema tal-elettrku. Meta raw li l-kwistjoni ma kinietx ta' idejhom issuggerew li jitqabbad l-attur bhala konsulent. Hekk sar, gie l-attur biex jezamina l-problema mnejn irrizulta li l-kawza kienet gejja minn sors estern ghall-iskola cio` e` mis-supply tal-korporazzjoni. Dan ix-xhud jikkonferma wkoll li l-attur kien gia tqabbad mill-konvenut ukoll fuq parir taghhom f'okkazzjoni precedenti fejn il-problema tad-dawl kienet giet rimedjata u l-attur kien thallas ghal xogholu.

In kontro-ezami dan ix-xhud jafferma li fit-tieni okkazzjoni cio` e` dik ta' Mejju/Gunju 2007 irrizulta li l-problema ma kinietx wahda nterna izda kienet gejja minn naha tas-supply tal-Enemalta. Ighid ukoll li wara l-intervent ta' Gunju 2007, hu u huh qatt ma regghu tqabbdu mill-iskola ghal xi problemi fis-sistema tal-elettriku;

Il-konvenut Carmel Theuma jikkonferma li fuq suggeriment tal-*electrician* tieghu Lawrence Attard, l-

iskola kienet qabbdet lill-attur f'Ottubru tas-sena 2006 sabiex isib tarf il-problemi li kienu qed jaffaccjaw. Il-konvenut ikkonferma wkoll li l-iskola segwiet ir-rakkomandazzjonjiet kollha maghmula mill-attur f'dik l-okkazzjoni halli tigi rimedjata l-problema.

F'Marzu tas-sena 2007, l-iskola regghet affaccjat problemi simili ta' provvista nstabbli tad-dawl tant illi s-salva viti bdew itiru. F'din l-okkazzjoni ta' Marzu l-attur kien imsiefer u allura ingiebu tal-enemalta li wara li nbidel il-meter is-sitwazzjoni giet stabbilizzata. In segwitu saret laqgha mal-attur u l-*electrician* Attard f'Mejju tas-sena 2007 fejn l-attur spjega li l-kawza tal-problemi kienet gejja minn *power surges* qawwija u quindi allura mis-*supply* tal-enemalta. Meta gew tal-enemalta, il-konvenut stess jistqarr li dawn qalulu li l-kawza setghet kienet provenjenti minn *Tower Crane* li kien qed jigi operat fil-vicinanzi. Illi ghalhekk inbidlet is-sors ta' *supply* ghall-iskola u hawn is-sitwazzjoni giet stabbilizzata. Meta regghet inqalghet il-problema f'Dicembru 2007, l-iskola ma regghetx ingaggjat lill-attur peress li kif ighid il-konvenut huma kienu tilfu l-fiducja fih stante persistenza fl-istess problema w minnflok marru direttament ghand l-enemalta li solvew l-istess darba ghal dejjem. Skond il-konvenut huwa gie nfurmat biss li kienu sabu xi zejt fis-*substation*.

Il-konvenut jikkonferma li l-iskola kienet hallset l-ewwel invoice ta' l-attur ghax-xoghol relatat ma Ottubru 2006 pero` kienu qed jikkontestaw il-kont odjern meritu ta' dina l-kawza ghal tliet ragunijiet cio` e` (1) kien qed jintalab hlas ghal xoghol li gie thallas ghalih fit-2006 pero` hawn it-Tribunal jikkummenta li ma hemm ebda eccezzjoni f'dan is-sens (2) li qed jintalab hlas eccessiv in komparazzjoni max-xoghol esekwit; hawn ukoll it-Tribunal jikkummenta li ma hemm ebda eccezzjoni fuq il-kwantum u (3) li l-attur qatt ma tah *breakdown* tal-kont ghalkemm gie mitlub. L-istess dan it-Tribunal jikkummenta bhal qabel apparti l-fatt li r-rikjesta ghal *breakdown* saret biss wara li din il-kawza kienet gia giet intavolata. Jigi osservat ukoll li fix-xhieda tieghu l-konvenut ma jaghtix bhala raguni li x-xoghol twettaq hazin mhux skond is-sengha u l-arti jew professjoni kif allega fl-eccezzjonijiet tieghu.Lanqas ma

jidher li kien hemm xi hjiel ta’ tali kontestazzjoni dwar allegazzjoni ta’ xoghol hazin fil-korrispondeza skambjata in segwitu ghal hrug tal-kont meritu ta’ dina l-kawza.

Silvio McGurk prodott mill-konvenuti jikkonferma l-problemi ta’ dawl li l-iskola affacjat f’erba okkazzjonijiet u kif ukoll li l-attur kien ingaggjat fl-ewwel u t-tielet problema cio` e` l-ewwel fejn thallas u t-tielet li hija l-meritu tal-kawza odjerna. Jikkonferma r-rapport imhejji mill-attur datat Ottubru 2007. Jikkonferma wkoll li l-problema tad-dawl kienet giet solvuta definittivament wara r-raba okkazzjoni meta f’din ta’ l-ahhar gew involuti biss haddiema tal-Enemalta. Kemm dan ix-xhud u kif ukoll il-konvenut qabblu jghidu biss li l-ufficcjali tal-enemalta solvew il-problema wara li sabu xi zejt/likwidu mal-art fis-*substation*. Fl-ewwel lok tali spjegazzjoni ma hiex soddisfacenti u jew ezawrjenti, hija biss *hearsay* u fi kwalunkwe kaz certament ma titfa ebda dawl negattiv fuq l-operat ta l-attur. Fil-fatt dan ix-xhud jafferma illi biex giet solvuta l-problema darba ghal dejjem ma sar ebda intervent intern gewwa l-iskola. Illi ghalhekk minn dan johrog evidenti li l-kawza tal-problema wara l-ewwel okkazzjoni minn dejjem kienet provenjenti mis-*supply* tal-enemalta u mhux minn haga interna kif rrizulta fl-ewwel okkazzjoni cio` e` rizultanza li kien wasal ghaliha anke l-istess attur.

Illi minn ezami tal-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti ghandu jirrizulta bl-aktar mod ampju li filwaqt li l-attur ressaq provi soddisfacenti dwar it-talba tieghu in kwantu huwa anke kwazi ammess mill-istess konvenut li s-sur Cuschieri kien ippresta s-servizzi tieghu fuq inkariku ta’ l-konvenut stess fix-xhur ta’ Mejju/Gunju 2007 ghal liema servizzi qed jintalab il-hlas, minn-naha l-ohra l-konvenut mhux biss naqas li jressaq provi konvincenti in sostenn taz-zewg eccezzjonijiet tieghu izda l-iter tal-kaz iwassal lit-Tribunal biex iqis il-provi migjuba mill-istess konvenut bhala konferma ta’ dak li qed jintalab mill-attur.

Dwar il-kwistjoni ta’ xoghol hazin jew mhux skond is-sengha u l-arti jew mhux professjonali, rrizulta li tali lment tqajjem biss wara l-ftuh ta’ dina l-kawza in vista tal-fatt li

mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet wara l-hrug tal-kont de quo, l-konvenut qatt ma semma tali lment. Irrizulta wkoll li l-problema riskontrata u rizolta fis-sena 2007 kienet dejjem provenjenti mis-*supply* tal-Enemalta kif dejjem sostna l-attur u kif konfermat implicitament mill-istess konvenut u quindi certament mhux minn kawza nterna u jew minn kwistjoni ta’ xoghol intern hazin li sar f’Ottubru tas-sena 2006. Barra minnhekk ma tresqet l-anqas prova wahda li b’xi mod taghti hjiel fejn setgha hadem hazin l-attur. Wara kollox skond l-istess konvenut il-problema giet rizolta fl-ahhar minn l-ahhar f’Dicembru 2007 wara li nstab xi likwidu fis-*substation*. Spjegazzjoni tali li ghalkemm ma hi konvincenti xejn twassal pero` biex tiskolpa ghal kollox lill-attur anzi twassal biex taghti ragun lill-istess attur;

Ghar-rigward il-kwistjoni tal-hlas ghas-saldu, apparti l-fatt li tali eccezzjoni tinkombi fuq il-konvenut bhala piz tal-prova, l-konvenut mhux biss ma ressaqx provi f’dan is-sens izda di piu ressaq provi konfliggenti. L-konvenut jammetti li huwa hallas lill-attur biss ghall-invoice ta’ Ottubru 2006 u li quindi jammetti wkoll li ma kienx hallsu ghall-invoice meritu ta’ din il-kawza. Huwa jipprova jispjega din l-eccezzjoni billi jghid li ghax-xoghol esekwit f’Gunju 2007 dan kien gia thallas f’Ottubru 2006 jew almenu ghal parti minnu. Apparti l-fatt li tali allegazzjoni la giet ipprovata u anqas spjegata, lanqas ma taghmel sens peress illi rrizulta li filwaqt li x-xogholijiet f’Ottubru 2006 gew esekwiti gewwa l-iskola, il-problemi u soluzzjonijiet riskontrati f’Gunju 2007 kienu jikkoncernaw xogholijiet fuq barra u cio` e` bazikament fuq is-supply ta’ l-elettriku provdut mill-Enemalta.

Illi jigi osservat li dwar is-socjeta konvenuta mharrka f’dawn il-proceduri dan it-Tribunal ma rriskontra ebda prova la minn naha u lanqas minn ohra x’kien l-involviment ta din is-socjeta apparti l-ittra tas-segretarja tal-konvenut li ghal xi raguni mhux maghrufa idderigiet lill-attur biex jindirizza l-*invoice* odjerna lil tali socjeta;

It-Tribunal qieghed ghalhekk jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jillibera lis-socjeta konvenuta mill-

osservanza tal-gudizzju u fit-tieni qieghed jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Carmel Theuma, quindi jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-istess konvenut u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Carmel Theuma sabiex ihallas lill-attur is-somma rikjesta fl-ammont ta' €2,176.94 (elfejn, mija u sitta u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza nkluz dawk tas-socjeta konvenuta a kariku tal-istess konvenut Carmel Theuma.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------